BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

---

# Minuti tal-laqgħa 33 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 33 (06) fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar il-Hamis, 29 ta' Mejju, 2014 fil-4.30 (fl-erbgha u nofs) ta' wara nofs inhar fil-Berġa ta' Franza.

It-Tlieta u Tletin (33) Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda:-

1. Qari u Approvazzjoni tal-minuti
2. Korrispondenza
3. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
4. Ristrutturazzjoni tal-haddiema tal-E.T.C assenjati mal-Kunsill
5. Manutenzjoni ta' parti minn Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur
6. Xoghlijiet fil-*front office* tal-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill
7. Progetti tal-Unjoni Ewropea u Progetti Ohra
8. Proposta ghall-progett tal-Walled Towns
9. Taghrif dwar il-Progett LADDER iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja
10. Attivitajiet ta' Jum il-Birgu 2014
11. Platform Lift magenb il-Knisja Tal-Lunzjata
12. Birgufest 2014

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, is-Sur Lawrence Attard u s-Sur Alan Cassar .

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi attenda iktar tard matul il-laqgha.

Is-Sinjorina Fiona Said, Segretarju Ezekuttiv.

L-Ambaxxatrici taz-Zghazagh, is-Sinjorina Leanne Attard.

## Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

## Bidu tal-Laqgha

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti Numru 31 (06) wara li dawn tqassmu minn qabel u ghalhekk gew ikkunsidrati bhala moqrija. Il-Minuti tal-31 Laqgha tas-Sitt Kunsill gew approvati unanimament.

1.2 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 31(06).

- 1.2.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li wiehed mid-delegati li kien ser jirraprezenta lil Kunsill Lokali tal-Birgu fil-Bulgarija fuq il-progett DECIDE ma setghax jattendi minhabba ragunijiet personali. Ghaldaqstant is-Sindku s-Sur John Boxall ppropona li l-Ambaxxatrici taz-Zghazagh is-Sinjorina Leanne Attard ghandha tmur bhala parti mid-delegazzjoni. Il-Kunsill approva unanimament.
- 1.2.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall dwar konferma ghall-attendenza tal-Kunsilliera is-Sur Anton Gellel fil-konferenza li ser issir tar-RETE fis-26 ta’ Gunju, 2014 u it-28 ta’ Gunju, 2014. Il-kunsillier is-Sur Anton Gellel ikkonferma.
- 1.2.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa l-Kunsill li l-progett Magical Europe kien gie approvat minkejja li dan gie sottomess ftit minuti tard mid-data tal-gheluq tas-sottomissjoni tal-progett.
- 1.2.4 Rigward ix-xoghlijiet tat-toroq li qed isiru, is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa li xoghol li qed isir bhalissa ghandu jkun lest sa qabel il-Festa ta’ San Lawrenz filwaqt li x-xoghlijiet fi Triq Hilda Tabone ghandu jibda wara l-Birgufest 2014. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.
- 1.2.5 Rigward Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, is-Sindku s-Sur John Boxall informa li kif il-Kunsill kien wieghed lir-residenti tieghu, it-triq inghalqet u tnaddfet filwaqt li ppropona ukoll li l-istess triq ghandha ssir bhal Triq San Lawrenz. Il-Kunsill qabel dwar dan.
- 1.2.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 31 (6). Il-Kunsill approva unanimament.

1.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-Laqgha Numru 32 (06).

1.3.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni al-Bord tal-Ghazla dwar l-ingagg ta' skrivan fuq bazi full time. Il-Bord tal-Ghazla issugerixxa is-Sinjorina Graziabelle Faye Cassar ghal din il-pozizzjoni. Dwar dan , il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni li ghamel il-Bord tal-Ghazla.

1.3.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 32 (06) gew approvati unanimament.

2. <u>Korrispondenza</u>

2.1 Is-Sindku pprezenta quddiem il-Kunsill petizzjoni minn diversi genituri dwar l-istat hazin li jinsab fih il-Bandli. Il-Kunsill jaqbel li ghandu jsir tisbih sabiex dan il-bandli jilhaq l-istandards mehtiega. Dwar dan is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li fi snin precedenti kien ipprezentat progett ta' tisbieh li kien jammonta madwar €160,000 li dan il-progetti kien gie rifjutat. IS-Sindku s-Sur John Boxall kompla jghid li qed ikompli jimbotta biex dan il-progett ikun jista jsir fil-futur.

2.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korripondenza fejn turi li l-Progett Magical Europe kien gie approvat.

2.3 Il-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar l-progett BE ONE fejn il-Kunsill kien wera l-interess tieghu. Il-Finanzjament ta' dan il-progett jammonta €13,180 li dawn irirdu jmorru ghall-akkomodazzjoni u l-ikel ghall-42 persuna. Dan il-progett kellu jsir fl-2015. Il-Kunsill qabel li dan il-finanzjament jista ma jkoprix l-ispejjez kollha nvoluti u ghaldaqstant jekk ikun hemm hin, il-Kunsill ghandu jitlob kwotazzjoni dwar dan sabiex ikun jaf iktar dwar jekk il-finanzjament huwiex sostenibbli.

**<u>F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda l-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi.</u>**

2.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar progett Intangible Cities tal-AVEC. Wara spjegazzjoni ta' x'ser jinvolvi dan il-progett u l-ko-finanzjament tieghu, il-Kunsill qabel li ghandu juri nteress.

2.5 Is-Sindku ressaq korripondenza dwar konferenza tal-Walled Towns fit-2 sas-6 ta' Settembru 2014. Din ha tkun ezatt f' Jum il-Birgu. Is-Sindku sostna li mhux se jattendi u staqsa min hu interessat. Hadd mill-Kunsilliera ma wiegeb ghaldaqstant iddecieda is-Sindku s-Sur John Boxall.

F'dan l-istadju l-Kunsill iddecieda li tigi diskussa materja Numru 8 dwar:

Proposta ghall-Progett Walled Towns

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard issugerixxa li f'dan il-progett ikunu nvoluti zghazagh bejn it-13 u s-17-il sena. Filwaqt li fl-ahhar konferenza gie diskuss ukoll li l-meeting li jmiss ser isir hawn Malta u tkelmu li dan ghandu jsir il-Birgu fl-2015.

2.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar Fondi mill-MEPA li se jkunu allokati ghall-progetti fil-lokalita. Il-Kunsill qabel li l-ewwel preferenza ghandha tinghata lill-progett tal-bandli, filwaqt li t-tieni preferenza tinghata l-open air gym. Il-Kunsill approva.

2.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar stedina minn *Studio Progetto* fejn informa li min-naha tal-Kunsill ikkonferma li ma nistghux nattendu izda min-naha tal-assocjazzjoni ikonfermawlna li ser nibqghu membri.

2.8 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq l-ittra mibghuta lill-Onor Ministru Stefan Buontempo dwar stedina sabiex jigu pprezentati l-AEDs. Is-Sindku ppropona li jekk il-Kunsill ma jiehux risposta fl-iqsar zmien possibli, il-Kunsill ghandu jmexxi u jaghmel il-prezentazzjoni xorta wahda. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.9 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq quddiem il-Kunsill Rikors li ntbaghat mill-Kazin Banda San Lawrenz kontra il-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar is-sitwazzjoni tal-garaxx li l-Kunsill ta b'kirja lill-istess kazin. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa li l-ittra sabiex il-Kunsill Lokali jiltaqa' mas-Socjeta kienet inbaghtet mis-Segretarju Ezekuttiv.

2.10 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar il-Lift li ser jigi nstallat ma genb il-Knisja tal-Lunzjata.

**F'dan l-istadju tal-Laqgha, is-Sindku s-Sur John Boxall ppropona li din il-Materja Numru 11, Lift magenb il-Knisja tal-Lunzjata tigi diskussa hawn. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.**

Wara diskussjoni twila mis-Sindku s-Sur John Boxall dwar kif inhu propost dan il-progett sabiex ma jkunx hemm hsarat esterni, il-Kunsill approva unaniment dak propost mis-Sindku s-Sur John Boxall.

2.11 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza li intbaghtet lid-Dipartiment dwar id-dewmien sabiex jigu pprezentati l-*Financial Statements 2013*. Is-Sindku s-Sur John Boxall qara l-ittra li ntbaghtet fejn hu ghamilha cara li l-problemi kienu gejjin minn snin precedenti fejn hafna mix-xoghol ma sarx u kawza ta' dan l-accounts kollu kellu jsir mill-accountants tal-Kunsill. Dawn il-*Financial Statements 2013* jinsabu fil-final li jkunu prezentati.

2.12

- Is-Sur Joe Brown
- Is-Sur Carmelo Tabone
- -Is-Sinjura Anna Goulic

1.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa li jekk xi hadd mill-persuni nominati ma jkunx jista' jattendi, il-kunsill ghandu jaghmel din il-proposta lis-Sur Mark Causon. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Is-Sindku is-Sur John Boxall kompla jinforma lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni prezenti tal-ufficini amministrattivi tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Huwa sostna li immedjatament ghandhom issiru l-interviews sabiex tinghazel il-persuna addatata biex jintela l-post vakanti.

1.5 Is-Sindku is-Sur John Boxall kompla billi qal li wara dan il-process, il-Kunsill ghandu johrog is-sejha ta' *EU Project Co-ordinator*. Din is-sejha kienet ga giet approvata mid-Dipartiment, imma dwar dan kellu jikkonferma sabiex din is-sejha tkun tista tohrog immedjatament wara l-ingagg ta' skrivan fuq bazi full-time.

**F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi**

2.0 <u>Hwejjeg Ohra</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall xtaq jiehu l-opportunita biex iressaq xi approvazzjonijiet lill-Kunsill Lokali li kienu urgenti.

2.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li illum, 20 ta' Mejju 2014 f'nofsinhar ghalqu il-kwotazzjonijiet FL 04/14 ghat-Tlugh u Nzul tal-bandiera tal-Birgu fuq il-Mina l-Kbira. Kien hemm kwotazzjoni wahda mitfugha mis-Sur Alfred Mizzi. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li tinghazel din l-offerta u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill, pjanta ta' progett rakomandat mill-MEPA dwar estensjoni ta' parti mill-bankina fi Triq La Vallette kantuniera ma Triq Hilda Tabone.

2.3 Is-Sindku is-Sur John Boxall spjega li b'din il-proposta se jitnaqqsu zewg parking bays filwaqt li l-bankina fejn illum hemm l-imwejjed se titwessa.

2.4 Il-Kunsillier Anton Gellel tkellem dwar il-bzonn li jinqalghu it-tabelli li fuqhom hemm ir-riklami. Huwa spjega li ma jsib l-ebda oggezzjoni li dawn jinqalghu sabiex ikunu jistghu isiru x-xoghlijiet.

2.5 Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-estensjoni ta' parti mill-bankina fi Triq La Vallette.

2.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta rikors mibghut mis-Socjeta Muzikali San Lawrenz rigward il-garaxx li l-Kunsill Lokali kera lis-Socjeta sabiex jitpogga l-plancier. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li ghandha issir laqgha immedjatament mas-Socjeta sabiex nitkellmu dwar din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat dan ir-rikors lill-Avukat sabiex jigwidana hu dwar dak li hemm bzonn issir biex tissolva din il-kwistjoni. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa spiccat fis-6.15 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Fiona Said | John Boxall |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |